# Mudell tal-Ittra tal-UE tad-Drittijiet għas-suspettati u l-konvenuti fi proċeduri kriminali

## Inti intitolat/a li żżomm din l-ittra tad-drittijiet miegħek matul id-detenzjoni tiegħek

**Jekk tiġi mċaħħad/mċaħħda mil-libertà tiegħek mill-pulizija minħabba li tkun issuspettat/a li wettaqt reat, inti għandek id-drittijiet li ġejjin:**

A. **li tkun informat/a dwar liema reat inti tkun issuspettat/a**

B. **li <u>ma tweġibx</u> għall-mistoqsijiet tal-pulizija jew li <u>ma tagħtix</u> dikjarazzjonijiet lill-pulizija**

C. **li tingħata l-assistenza ta' avukat**

D. **li tingħata s-servizz ta' interpretu u t-traduzzjoni tad-dokumenti, jekk ma tifhimx il-lingwa**

E. **li tinnotifika lil xi ħadd dwar iċ-ċaħda tal-libertà tiegħek**

F. **li tinforma lill-ambaxxata tiegħek jekk inti barrani**

G. **li tkun taf kemm tista' tkun twila d-detenzjoni tiegħek**

H. **li titlob għas-servizz ta' tabib jekk tħossok ma tiflaħx jew jekk ikollok bżonn ta' mediċina**

**Hawn taħt issib aktar dettalji ta' dawn id-drittijiet**

## A. Informazzjoni dwar is-suspett

- Inti għandek id-dritt li tkun taf fuq liema reat inti issuspettat/a minnufih wara li tiġi mċaħħad/mċaħħda mil-libertà tiegħek, anki jekk il-pulizija ma jinterrogawkx.

## B. Id-dritt li tibqa' sieket/siekta

- Inti m'intix obbligat/a li twieġeb għall-mistoqsijiet tal-pulizija jew li tagħti xi dikjarazzjoni lill-pulizija
- Avukat jista' jgħinek u jagħtik pariri fuq il-liġi u jgħinek tieħu deċiżjonijiet fuq jekk għandekx twieġeb il-mistoqsijiet jew le.
- Jekk tkun trid is-servizz ta' avukat, il-pulizija ma jistgħux jibdew l-interrogazzjoni qabel ikollok l-opportunità li titkellem ma' avukat.

## C. L-għajnuna ta' avukat

- Inti għandek id-dritt li titkellem ma' avukat qabel ma l-pulizija jibdew l-interrogazzjoni tiegħek.
- Jekk inti titlob li titkellem ma' avukat, dan ma jagħmlekx tidher li inti għamilt xi ħaġa ħażina.
- Il-pulizija għandhom jgħinuk issib u tikkuntattja avukat.
- Jekk ma tkunx tista' tħallas għas-servizz ta' avukat, il-pulizija għandhom jipprovdulek informazzjoni fuq kif tista' tikseb għajnuna legali mingħajr ħlas.

- **Jekk tkun trid tkellem avukat iżda ma tkun taf b'ebda wieħed, jew inkella ma tkunx tista' tikkuntattja lill-avukat tiegħek, il-pulizija għandhom jieħdu ħsieb li jagħmlu l-arranġamenti biex jinħatarlek wieħed f'każ li jkollok dritt għal għajnuna legali mingħajr ħlas.**

- **L-avukat huwa indipendenti mill-pulizija u ma jista' jiżvela xejn mill-informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.**

- **Inti għandek id-dritt li titkellem ma' avukat fil-privat, kemm fl-għassa tal-pulizija kif ukoll/jew bit-telefon.**

- **Inti tista' titlob lill-avukat tiegħek sabiex ikun preżenti waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.**

## D. L-għajnuna ta' interpretu

- **Jekk inti ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa tal-post, il-pulizija għandhom jagħmlu l-arranġamenti biex jipprovdulek is-servizz ta' interpretu.**

- **L-interpretu huwa indipendenti mill-pulizija u ma jista' jiżvela xejn mill-informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.**

- **Tista' wkoll titlob għas-servizz ta' interpretu biex jgħinek titkellem mal-avukat tiegħek.**

- **L-għajnuna ta' interpretu hija mingħajr ħlas.**

- **Inti għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni ta' kwalunkwe ordni jew deċiżjoni li tikkonċerna d-detenzjoni tiegħek.**

- **Inti għandek id-dritt għal traduzzjoni tad-dokumenti tal-investigazzjoni li huma importanti għal talba biex tinħeles (ara taħt G).**

## E. Li tavża lil xi ħadd dwar id-detenzjoni tiegħek

- **Għid lill-pulizija jekk tkun trid tavża lil xi ħadd, pereżempju lil membru tal-familja jew lil min iħaddmek, li qed tinżamm arrestat/a.**

## F. Għall-persuni barranin: kif tikkuntattja lill-ambaxxata tiegħek

- **Jekk inti persuna barranija, tista' tgħid lill-pulizija biex jgħarrfu lill-ambaxxata jew lill-awtorità konsulari tiegħek li qed tinżamm arrestat/a u fejn qed tinżamm.**

- **Il-pulizija għandhom jgħinuk jekk tkun trid tkellem lill-uffiċjali tal-ambaxxata jew lill-awtorità konsulari tiegħek.**

- **Inti għandek id-dritt li tikteb lill-ambaxxata jew lill-awtorità konsulari tiegħek. Jekk ma tkunx taf l-indirizz, il-pulizija għandhom jgħinuk.**

- **L-ambaxxata jew l-awtorità konsulari jistgħu jgħinuk issib avukat.**

## G. Kemm tista' ddum imċaħħad/imċaħħda mil-libertà tiegħek?

- **Inti għandek id-dritt li titlob lill-imħallef għall-ħelsien mill-arrest tiegħek meta trid. L-avukat tiegħek jista' jfiehmek kif tipproċedi.**

- **Inti jew l-avukat tiegħek tistgħu titolbu biex taraw il-partijiet tal-fajl tal-każ relatat mas-suspett u d-detenzjoni jew li tkunu informati dwar il-kontenut tagħhom fid-dettall.**

- **Jekk tibqa' ma tinħelisx mill-arrest, għandek titressaq il-qorti fi żmien * siegħa/sigħat wara li mċaħħad mil-libertà tiegħek.**

- **L-imħallef imbagħad għandu jisimgħek u jiddeċiedi jekk għandekx tinħeles jew għandekx tinżamm taħt arrest.**

- **Inti għandek id-dritt li tirċievi (traduzzjoni) tad-deċiżjoni tal-imħallef jekk huwa jiddeċiedi li għandek tinżamm taħt arrest.**

## H. <u>Kura medika</u>

- **Jekk tħossok ma tiflaħx jew jekk ikollok bżonn ta' mediċina, itlob lill-pulizija għas-servizz ta' tabib.**

- **Inti għandek id-dritt li tiġi eżaminat/a minn tabib fil-privat.**

- **Tista' titlob għal tabib jew tabiba.**